# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Mahmoud Suleiman Ben Ramadan**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Mahmoud Suleiman Ben Ramadan**, numru tal-identifikazzjoni tal-Pulizija 17447/14 fejn ġie mixli talli nhar it-30 ta' Lulju 2014 f'Ħal-Far:-

1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema ammont ma jiskorrix l-€1,164.69 iżda jiskorri l-€116.47;
2. Ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Mario Gauci (ID605253M) skont kif iċċertifikat mit-Tabib Dr. Etienne Mark Parnis mill-Isptar Materi Dei, u għalhekk persuna li għalqet l-eta ta' sittin sena kif ukoll persuna t'uffiċjal pubbliku jew inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien impjegat ta'

korp kostitwit b'liġi meta r-reat kien sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha; kif ukoll :

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi u l-ġimgħat ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda : -

3. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xort'oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-istess Mario Gauci, li huwa persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni skont il-Liġi mill-awtorita' kompetenti.
4. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq Mario Gauci, persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz; kif ukoll li
5. m'obdiex ordnijiet leġittimi tal-Awtorita' jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod ieħor bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li bil-Liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġieb fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-Liġi.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tal-31 ta' Lulju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 5 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Simon Micallef Stafrace bħala Avukat għall-għajnuna legali tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ, ix-xiehda u akkużaturi prinċipali tal-imputat huma Mario Gauci u Joseph Abela. Mario Gauci huwa l-Kordinatur tal-*Ħal-Far Tent Village* f'Ħal-Far (HTV) u li jaħdem mal-*Agency for the Welfare of Asylum Seekers*, li skont ix-xiehda ta' Stephen Adampson, li huwa r-rappreżentant tal-Human Resources ta' din l-Aġenzija, f'paġna 85 dan itenni li din hija Aġenzija tal-Gvern imwaqfa taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni. Mario Gauci jixhed li din l-Aġenzija taqa' taħt id-Dekasteru tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali. Mill-banda l-oħra, Joseph Abela huwa *Support worker* mal-istess Aġenzija.

Illi kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-inċident li seħħ nhar it-30 ta' Lulju 2014 jirriżulta mix-xiehda ta' Mario Gauci u ta' Joseph Abela flimkien li għall-ħabta tad-9:00 meta jkunu qegħdin jagħmlu ronda biex jagħmlu spezzjoni relattiva tal-kabini li hemm fil-HTV, it-tnejn li huma jgħidu li raw lill-imputat hemmhekk. Gauci u Abela t-tnejn jgħidu li l-imputat kien jirrisjedi f'HTV; iżda minħabba l-imġieba ħażina tal-imputat, u wara li kien ingħata tliet twissijiet u minkejja dawn l-imputat xorta waħda baqa' jġib ruħu ħażin, l-imputat kien ġie mkeċċi minn HTV. Iżda dawn jgħidu li l-imputat xorta waħda kien baqa' jmur hemmhekk u dakinhar tal-inċident, kien evidentement hemmhekk.

F'paġna 91 Abela jgħid li malli wasal ħdejn kabina 28 huwa ra' lill-imputat b'idejh ġewwa locker minnhom u ra' wkoll nar tiela minn ġewwa dan il-locker. Kif Abela ra' hekk huwa u s-security officer marru fl-uffiċju u ġabu l-ilma biex setgħu jitfu n-nar li kien imkebbes. F'paġna 31 Gauci jgħid li ra' lill-imputat li kien qiegħed jagħti n-nar lil locker u x'ħin rah jagħmel dan, Gauci qabad jgħajjat u telaq jiġri lejn l-imputat. Dan il-fatt huwa konfermat ukoll minn Abela.

Fatt ieħor li huwa konfermat ukoll kemm minn Gauci kif ukoll minn Abela huwa li meta Gauci qal lill-imputat li huwa kellu joħroġ mill-HTV minħabba li d-dritt tiegħu li joqgħod hemmhekk kien ġie terminat, l-imputat irrabja, qabad jgħajjat u ħebb għal Gauci u wkoll tah daqqa ta' ponn fuq wiċċu. Wara li qala' din id-daqqa ta' ponn fuq wiċċu l-imputat ġie meħud il-barra u skont Gauci dan baqgħa jgħajjarhom u jwadbilhom il-ġebel. Wara ġew il-Pulizija u ħaduh magħhom.

Skont ix-xiehda ta' Dr. Etienne Paris, li tinsab f'paġna 98, huwa kien invista lil Mario Gauci nhar it-30 ta' Lulju 2014 fil-Poliklinika ta' Raħal Ġdid għall-ħabta tas-13:00 u mill-eżami li għamillu irriżulta li Gauci kellu tbejnġila taħt għajnejh il-leminija u kellu wkoll girfa fuq id-driegħ il-leminija. Dawn il-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa. Tresqet ukoll prova dokumentarja f'paġna 90 li hija ċertifikat tat-twelid ta' Mario Gauci li juri li fid-data ta' dan l-inċident huwa kien għalaq is-sittin sena.

Skont ix-xiehda ta' David Saliba, *maintenance coordinator* mal-istess Aġenzija, jirriżulta li stima konservattiva tal-ħsara magħmula mill-imputat konsegwenti t-tkebbis tan-nar fil-locker u l-ħsara konsegwenzjali kienet tammonta għal madwar mija u ħamsin euro (€150).

Inoltre, Mario Gauci jgħid li xi jiem qabel dan l-inċident, u wara li kien diġa tkeċċa mill-HTV, l-imputat kien qabad u reġgħa daħal fil-HTV u kien anke saħansitra żgassa bieb ta' kabina li ma kienetx il-kabina li kien joqgħod fiha qabel. Gauci jgħid li huwa ma raħx lill-imputat jiżgassa il-bieb ta' dik il-kabina; iżda meta marru fil-kabina sabu lill-imputat fiha.

Skont ix-xiehda ta' Mario Gauci l-imġieba ħażina tal-imputat lejh u lejn il-ħaddiema tal-Aġenzija kordinata minnu ma kienetx rikonduċibbli biss għat-30 ta' Lulju 2014; iżda din l-imġieba ħażina tiegħu kienet tmur lura minn meta rifes l-għatba tal-HTV. Mario Gauci jgħid li l-imputat kellu attitudni ta' theddid u aggressivita' lejn l-istess ħaddiema. Anzi Gauci jgħid ukoll li kien joffendihom ukoll bil-Malti u lilu kien jheddu li kien ser joqtlu jew li kien ser jagħmillu vendikazzjoni fil-karozza tiegħu. Biss minkejja din l-imġieba ħażina, l-imputat kien refa' jdejh fuq Mario Gauci biss dakinhar tat-30 ta' Lulju 2014, għalkemm it-tgħajjir u t-theddid kien imur lura għal diversi jiem u episodji.

Minn naħa tiegħu l-imputat għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri u f'paġni 108 il-quddiem huwa stqarr li huwa kien jikkonsidra lil Mario Gauci bħala bniedem marid, razzist u li saħansitra seraqlu xi ħwejjeġ personali tiegħu kif ukoll li ma raddewlu lura xejn mill-ħwejjeġ li serqulu. Jgħid ukoll li fis-27 ta' Lulju kien għamel rapport quddiem il-Kummissjoni tar-Refuġjati fil-persuna ta' ċertu Sur Friggieri dwar Mario Gauci fis-sens li dan huwa bniedem razzist u li kien ukoll jisraq l-affarijiet tan-nies. L-imputat xehed bil-ġurament tiegħu li taħt it-tmexxija ta' Mario Gauci il-HTV kien fih ħafna nuqqasijiet u l-imputat stqarr li kien qiegħed jissuspetta li Mario Gauci kien qiegħed jisraq il-ħalib tat-tfal ukoll. Anzi kompla żied jgħid li huwa kellu suspett li Mario Gauci kien qiegħed ukoll jikri lil nies barranin li ma humiex residenti fil-HTV xi kabini bir-rata ta' tmenin euro (€80) kuljum. Is-suspett tiegħu kien li Mario Gauci kien qiegħed jagħmel negozju minn dak il-post.

Minbarra dan, l-imputat stqarr li huwa ġie mkeċċi mill-HTV għal ebda raġuni u li dak kollu li kienu qed jgħidu kontra tiegħu dwar dan l-inċident ma kien minnu xejn. Anzi huwa qal li ma kellux x'jaqsam mal-ħruq tal-kaxxa u li huwa ma ta' ebda daqqa lil Mario Gauci. L-imputat itenni li Mario Gauci mar jagħmel rapport falz kontra tiegħu. L-imputat qal ukoll li huwa kellu x-xiehda li jistgħu jgħidu li dak li qal hu kien minnu u mhux dak li qal Gauci.

Il-Qorti tat ukoll possibilita u opportunita lill-imputat li jkun jista jidentifika dawk in-nies li huwa qal li huma xiehda tiegħu minn fuq ritratti tar-residenti fil-HTV. Iżda b'xorti ħażina ma setgħa jidentifika lil ħadd minn dawk ir-residenti bħala x-xiehda li huwa semma' u ċjoe' ċertu Ħasan u ieħor Ahmed Gaddafi.

***Ikkunsidrat : -***

Illi minn qari ta' dawn il-provi, jirriżulta pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li l-imputat kemm ta' n-nar lil locker in kwistjoni kif ukoll id-danni sussegwenti għal tali tkebbis tan-nar. Iżda l-Qorti ma tqisx li ġie soddisfaċentement ippruvat li kien l-imputat li żgassa l-bieb tal-kabina stante li ma tresqitx prova sal-grad rikjest biex il-Qorti tkun tista' ssibu ħati wkoll tal-ħsara fil-bieb tal-kabina wkoll.

Jirriżulta wkoll pruvat sal-grad rikjest li l-imputat ħebb u ta daqqa ta' ponn lil Mario Gauci f'wiċċu u li konsegwenza ta' din id-daqqa Gauci sofra offiża ta' natura ħafifa. Ġie pruvat li Gauci huwa raġel li għalaq is-sittin sena. Għalhekk il-piena għal din l-offiża tiżdied bi grad jew tnejn skont l-Artikolu 222A(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Importanti wkoll jiġi determinat jekk Gauci hux ukoll uffiċjal pubbliku jew persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku għall-fini tal-

kwalifika fit-tieni imputazzjoni u għall-integrazzjoni tat-tielet, ir-raba u l-ħames imputazzjonijiet.

Ġie pruvat ukoll li Gauci huwa impjegat mal-Aġenzija "AWAS" li hija Aġenzija taħt id-Dekasteru tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali. Issa minn qari tal-Artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali : -

**92.** Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

Issa fil-kawża ***Il-Pulizija vs Ivan Muscat***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Jannar 2015, ġie deċiż li Awtorita Marittima hija enti governattiva li tieħu deċiżjonijiet eżekuttivi għan-nom tal-Gvern u għalhekk indipendentement mill-posizzjoni li jkun jokkupa u d-deċiżjonijiet li jkun jieħu, persuna impjegata ma din l-Awtorita bħala junior clerk, kien ukoll jikkwalifika bħala impjegat governattiv u għalhekk uffiċjal pubbliku.

Din il-Qorti tqis li hemm xebh ma' dan il-każ in kwantu hawnhekk ġie pruvat li Gauci huwa impjegat bħala ko-ordinatur ma' din l-Aġenzija li fl-aħħar mill-aħħar issejjaħ lil Gvern. Biss anke jekk Gauci ma jitqiesx bħala uffiċjal pubbliku, f'dan ir-rwol li jaqdi huwa jista' xorta jitqies bħala persuna li hija inkarigata minn servizz pubbliku għall-fini tal-imputazzjonijiet kontestati lill-imputat hawn fuq imsemmija.

Mistqarr dan, għalhekk il-Qorti tqis li t-tieni aggravju imsemmi tif-fitni imputazzjoni ġie wkoll integrat u għalhekk il-piena trid tiżdied bi grad skont l-Artikolu 222(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

Apparti minn hekk pero, l-imputat huwa akkużat bir-reat skont l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali ossija l-attakk u r-reżistenza kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. Ir-reat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali huwa dak ta'

> Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Meta l-imputat kien qiegħed iqabbad il-locker, il-koordinatur tal-HTV kien fid-dmir li jara li l-integrita' taċ-Ċentru amministrat minnu tiġi mħarsa u l-anqas li huwa setgħa jagħmel kien li jmur jiġri lejn l-imputat u jġiegħlu jifti dak in-nar u li jiġu msejħa l-forzi tal-ordni biex l-imputat jiġi mrażżan. Fil-fatt l-attakk kontra tiegħu seħħ meta u filwaqt li Mario Gauci kien qiegħed jaġixxi fil-kapaċita tiegħu ta' koordinatur ta' dan iċ-Ċentru u filwaqt li huwa kien qiegħed jeżegwixxi ordni li kien ta' lill-imputat biex joħroġ il-barra minn hemmhekk stante li l-imputat kien imkeċċi li huwa qala d-daqqa ta' ponn f'wiċċu. F'dan il-kuntest, ir-reat taħt l-Artikolu 96 huwa wkoll integrat.

Ir-reat taħt l-Artikolu 95, mhux biss seħħ fid-data tat-30 ta' Lulju 2015 iżda jirriżulta wkoll integrat minħabba episodji ta' tgħajjar u theddid li xehedu dwarhom ukoll Mario Gauci kif ukoll Joseph Abela.

Inoltre, l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-ħames imputazzjoni kontravvenzjonali u dan peress li ġie pruvat soddisfaċentement li l-imputat ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija minn Gauci lilu fiż-żminijiet inkriminati.

# *DECIDE*

Li qegħda ssib lil Mahmoud Suleiman Ben Ramadan ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu b'dan li qegħda tqis li għall-fini ta' piena t-tieni u r-raba' imputazzjonijiet għandhom jiġu assorbiti fit-tielet imputazzjoni u wara li rat l-Artikoli 325(1)(b) applikabbli fiż-żmien ta' meta seħħ id-delitt, 221(1), 222(1)(c), 222A(1), 95, 96(a) u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah għall-piena ta' għoxrin xahar priġunerija flimkien ma multa komplessiva fl-ammont ta' sebat elef u ħames mitt euro (€7500).

Inoltre il-Qorti bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-eżibiti f'dan il-każ.

Inoltre, b'żieda mal-piena inflitta, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Mario Gauci kif ukoll sabiex jiġi mħares l-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku qegħda torbot lil ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' tnax il-xahar millum taħt penali t'elfejn euro (€2000).

Finalment, fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet serji bil-ġurament magħmula mill-imputat matul il-kors tad-deposizzjoni tiegħu fil-konfront ta' Mario Gauci, il-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga tali allegazzjonijiet li saru fir-rigward ta' Mario Gauci inter alia għal serq u reati oħra u għal kwalunkwe azzjoni kontra kull persuna li jidhirlu xierqa skont l-eżitu ta' tali investigazzjonijiet.

**Mogħtija illum il-21 jum t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja.***

sent/proċ reż somm/kont